**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Maria Concetta Vella**

Numru 56/2013

Illum 9 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Maria Concetta Vella**, ta' sebgha u erbghin (47) sena, bint Carmel u Jane nee' Meilaq, imwielda n-Nadur, Ghawdex fit-28 ta' Gunju 1964, residenti fil-fond 'Grima', Flat 5, Triq il-Qbajjar, Zebbug, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 25464G, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Gunju 2011 u z-zmien ta' qabel din id-data;

Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-

President ta' Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputata bhala wahda li saret recediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta/Ghawdex);

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fis-26 ta' Gunju 2018;

Rat illi d-difiza ghalkemm kellha opportunita' li tipprezenta s-sottomissjoni taghha bil-miktub, dan ma sarx.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li dawn il-proceduri kriminali jitrattaw kaz li sehh fis-27 ta' Gunju 2011 u l-gimghat ta' qabel. Il-proceduri ilhom ghaddejjin seba' snin, meta l-kaz ma kien xejn kumplikat u tul dan iz-zmien kollu nstemghu biss disa' xiehda.

Din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fil-5 ta' Gunju 2015 fejn minn dakinhar sallum l-imputata bidlet l-avukat tliet (3) darbiet.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u*

*hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu*

*r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal-ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hi cara hafna dwar id-dewmien kif esprimiet ruhha fil-kaz **O'NEILL AND LAUCHLAN v. THE UNITED KINGDOM**[2] deciz fit-28 ta' Gunju 2016 fejn intqal hekk dwar dewmien:

*… in view of the need for diligence triggered by the significant lapses of time both between the commission of the offence and the laying of charges, and between the laying of charges and the applicants' conviction becoming final, the Court considers that the overall length of the proceedings (almost nine years in respect of the first applicant, and just over nine years and two months for the second applicant – see paragraphs 16, 46 and 90 above) was excessive and failed to meet the reasonable-time requirement.*

*97. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1.*

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

[2] *Applications nos. 41516/10 and 75702/13*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li qal il-Prim Imhallef Emeritu Vincent DeGaetano fl-artikolu **Reasonable time and hasty decisions –the Article 6 dilemma for domestic courts** ippubblikat recentement:

> So, why is the reasonable time requirement so important? Basically because the effectiveness of any legal system is at stake with every case, civil or criminal, that is pending before a court; a lack of effectiveness brings about a lack of credibility in both the legal and the judicial systems; and such lack of credibility undermines the very notion of the rule of law. This may appear obvious to each and every one of us, particularly those of us who sit on the Bench daily, but the European Court of Human Rights (ECtHR) has had to spell out all this in a number of judgments when it was faced with delays that, in a sense, had become accepted or endemic in a number of legal systems. In the case *Stögmüller v. Austria*[3] – a case dealing with Article 5 – the ECtHR noted that Article 6 aims to protect all the parties to court proceedings "against excessive procedural delays", and that in criminal matters in particular, Article 6 "is designed to avoid that a person charged should remain too long in a state of uncertainly about his fate" irrespective of whether or not that person is held in detention awaiting trial. Twenty years later, in a case brought against France – *H. v. France*[4] – the ECtHR added that the reasonable time guarantee "underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardise its

[3] 10 November 1969.
[4] 24 October 1989.

effectiveness and credibility." This was a case brought by a person against the state hospital in Strasbourg for medical malpractice. It took seven years and seven months at two levels of jurisdiction (the Strasbourg Administrative Court and the *Conseil d'Etat*) for a final decision to be rendered, a period that was punctuated by requests by the courts for information which was already in the files, as well as by long periods of inactivity in connection with Mr H's case because the courts had hundreds of other cases to deal with.

[…]

the ECtHR has, in its vast case law, set down guidelines, but it has never gauged by the calendar or set deadlines as to what is or is not a reasonable time. That depends on all the circumstances of a particular case. What is clear is that periods of inexplicable inactivity on the part of the State authorities, repeated adjournments of a case or the repeated *renvoi* of a case file between one court and another, are not acceptable. Likewise it is also clear that just as the lack of financial or other resources cannot justify prison conditions which reach the threshold of Article 3 – *Orchowski v. Poland*[5] – and a State must organise its

[5] 22 October 2009. See in particular §153: "The Court is aware of the fact that solving the systemic problem of overcrowding in Poland may necessitate the mobilisation of significant financial resources. However, it must be observed that lack of resources cannot in principle justify prison conditions which are so poor as to reach the threshold of treatment contrary to Article 3 of the Convention…and that it is incumbent on the respondent Government to organise its penitentiary system in such a way that ensures respect for the dignity of detainees, regardless of financial or logistical difficulties... If the State is unable to ensure that prison conditions comply with the requirements of Article 3 of the Convention, it must abandon its strict penal policy in order to reduce the number of incarcerated persons or put in place a system of alternative means of punishment."

penitentiary system so as to ensure compliance with the Convention standards, so also when it comes to length of proceedings such things as backlogs, workloads of individual judges and lack of resources are no excuse (although there is some case law to the effect that a temporary backlog and consequent delays due to the general re-organisation of a system will not *necessarily* amount to a violation of Article 6 – see in this respect the case of *Docevski v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia*[6]). In the Grand Chamber case of *Frydlender v France*[7] (27 June 2000) the ECtHR was quite clear: States parties to the convention must organise their legal systems so as to guarantee to everyone within their jurisdiction the right to a final decision within a reasonable time:

"The Court reiterates that it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee to everyone the right to a final decision within a reasonable time in the determination of his civil rights and obligations… It further reiterates that an employee who considers that he has been wrongly suspended or dismissed by his employer has an important personal interest in securing a judicial decision on the lawfulness of that measure promptly, since employment disputes by their nature call for expeditious decision, in view of what is at stake for the person concerned, who through dismissal loses his means of subsistence..."[8]

[6] 1 March 2007, particularly §34.
[7] 27 June 2000.
[8] §45

The bottom line really is this: the domestic authorities, and the judicial authorities in particular, <u>must be seen to be pro-actively engaged</u> in bringing civil and judicial proceedings to a final determination.

[…]

how can a judge at national or domestic level gauge when he or she is risking running foul of the reasonable time requirement imposed by Article 5(3) and 6(1) of the ECHR? I would propose the following rule/s of thumb (with apologies to referees in football): (i) the yellow card should appear if a case has been pending for three years at one level of jurisdiction; (ii) anything from three to four years at one level of jurisdiction would definitely merit the red card; (iii) if a case has been pending for more than four years at two levels of jurisdiction, the red card is again to be borne in mind; (iv) while if a case has been pending for six years or more at three or more levels of jurisdiction, the red card is almost a foregone conclusion!

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu disa' (9) xhieda kif gej:

*L-Ispettur Johann J. Fenech (a* fol. *13 et seq.), Jethro Camilleri (a* fol. *176 et seq.), l-Ispettur Frank A. Tabone (a* fol. *191 et seq.), PS1407 Frank Portelli (a* fol. *212 et seq.), PS664 Jason Xerri (a* fol. *217 et seq.), Stephen*

*Paul Durward (a* fol. *229 et seq.), Jethro Camilleri (a* fol. *245 et seq.), Stephen Paul Durward (a* fol. *250 et seq.) u l-Ispettur Johann J. Fenech (a* fol. *259 et seq.).*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**[9]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-

[9] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment

konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputata.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputata u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Oneru tal-Prosekuzzjoni</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a

beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens

tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**X'irrizulta f'dan il-process mill-provi u dokumenti esebiti**

L-imputata Maria Concetta Vella nee' Borg, tinsab akkuzata bi traffikar tad-droga erojina fil-perjodu ta' Gunju 2011 u z-zmien ta' qabel kif ukoll li rrendiet ruhha recediva.

L-investigazzjoni tal-Pulizija fil-konfront tal-imputata skattaw fil-mori ta' investigazzjoni antecedenti rigwardanti *overdose* fatali ta' droga gewwa l-Fontana, Ghawdex nhar is-27 ta' Gunju 2011, li konsegwentement t'hekk kien tilef hajtu Oman Galea, guvni ta' dsatax-il sena.

Bhala parti minn din l-investigazzjoni, gew interrogati diversi nies, fosthom Jethro Camilleri u Steven Paul Durward, hbieb intimi ta' Galea, li sussegwentement xehdu quddiem din il-Qorti.

Jethro Camilleri stqarr li ftit qabel il-kaz, Oman Galea kien qed jiffrekwenta lil Maria Concetta Vella, jew kif inhi maghrufa ahjar Connie, b'Galea jghidlu kif l-imputata kienet tghaddilu pakkett erojina kuljum.

Mill-banda l-ohra, Durward xehed kif kien ra lil Oman Galea tal-inqas f'zewg okkazjonijiet jersaq lejn il-karozza tal-imputata f'Marsalforn, jghaddilha l-flus, u hi ttih pakketti tal-*foil*. Durward stqarr ukoll kif il-vittma kien qallu li l-pakketti kienu jikkontjenu l-erojina.

Kemm Camilleri kif ukoll Durward kienu rrilaxxaw stqarrijiet dettaljati li sussegwentement ghazlu li jikkonfermaw bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, u anke' xehdu *viva voce* quddiem il-Qorti.

L-imputata kienet giet interrogata mill-Ispettur illum Supretendent Johan Fenech fejn anke' rrilaxxat stqarrija, li qieghda esebita fl-atti, li matulha pero' cahdet li qatt ghaddiet droga lill-Oman Galea.

Waqt il-kawza xehdu esperti tal-Qorti kif ukoll membri tal-korp tal-Pulizija li ezegwew il-mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-

imputata kif ukoll l-ufficjali tal-Pulizija li sabu l-pakketti bl-erojina mohbija go hajt hekk kif indikat minn Durward fix-xhieda tieghu.

F'dawn l-atti giie esebit ukoll il-Proces Verbal dwar il-mewt ta' Oman Galea kif ukoll dwar l-istqarrijiet guramentati ta' Durward u Camilleri.

**<u>It-tixrid tad-droga lil terzi</u>**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizjia vs Carmel Degiorgio</u>** qalet:

> *'Il-posizzjoni legali hi cara, il-Qorti trid tkun sodisfatta lil **hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni** li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur.'*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza il-**Pulizija vs Jason Mallia** fejn intqal:

> **"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu**

**jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha[10]".**

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi Ingliza l-prova tista' ssir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz:

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil*

[10] 02/09/1999

*(provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant lifestyle which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.[11]"*

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs jistabbilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

> "Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **<u>may be inferred from objective factual circumstances</u>**."

[11] www.cps.gov.uk

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita' jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma c-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista' ssir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga jkun x'ikun l-ammont, kwalita' jew kwantita' ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu msejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura mxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita.

Dwar l-elementi tar-reat in kwistjoni u b'mod partikolari l-element intenzjonali, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Mallia</u>**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha*

*pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha."*

Huwa car ghalhekk illi l-ligi taghna ma tirrikjedix l-*animus* fl-imputat li jispacca d-droga lil terzi, sabiex tinstab htija ta' pussess bl-aggravanti, izda huwa sufficjenti illi jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-pussess tad-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Kif gie ritenut ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Spiteri</u>**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brian Caruana</u>**:

> "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi</u>**:

*" … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

**Ix-xhieda ta' Jethro Camilleri u Steven Paul Durward**

L-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li tanalizza l-komportament tax-xhieda Jethro Camilleri u Steven Paul Durward. Il-Qorti nnutat

kif Steven Paul Durward prova ixejjen dak mistqarr minnu fl-istqarrija lill-pulizija, liema stqarrija kienet guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti. L-istess Jethro Camilleri li meta kien kontro ezaminat quddiem din il-Qorti jidher li tilef xi ftit mill-memorja! M'ghandha ebda dubju din il-Qorti, illi kull Magistrat Inkwirenti nvolut fit-tehid tal-istqarrijiet guramentati, uza kull kawtela lilu moghtija mil-Ligi fit-tehid tal-istess stqarrijiet. Illi l-funzjoni tal-Magistrat hawn hija wkoll li jassigura li ebda xhud ma jigi suggett ghal ebda pressjoni mill-Ufficcjal Investigattiv, u kull persuna mressqa quddiem Magistrat tgawdi din il-protezzjoni jew tista' titlobha.

Ix-xhieda ta' Jethro Camilleri u Steven Paul Durward, il-valur probattiv tax-xhieda mogħtija preċedentement minnhom hi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Gravina**[12] mogħtija fis-26 ta' Mejju 2003 mill-Qorti tal-Appell fis-sede inferjuri:

> **"L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 66114 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex**

[12] Per Imhallef Vicent De Gaetano

l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu:

*"'does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was*

***making his statement or at some later stage in the proceedings.'[13]"***

Fil-kaz Il-**Pulizja vs Malcolm Paul Bugeja** deciz fit-30 ta' Gunju, 2016, l-Imhallef Edwina Grima spjegat li:

*Illi skond is-sentenza ta' Pierre Gravina, id-dikjarazzjoni guramentata ta' xhud quddiem il-Magistrat Inkwirenti ma jkollha l-ebda validita' jekk ma tinghatax opportunita' tal-kontro ezami lill-imputat jew akkuzat. Issa x'inhuwa l-iskop tal-kontro-ezami? L-iskop tal-kontro ezami huwa biex dik il-verzjoni li jkun ta' xhud tista' tigi kontradetta, challenged u sahansitra tigi reza inattendibbli minhabba l-karattru jew il-komportament tax-xhud jew inkella d-diversi posizzjonijiet li jiehu. Ikrah kemm hu ikrah ir-reat tat-traffikar tad-droga, pero' hemm principju iktar bil-wisq importanti illi hija dik illi ssir gustizzja u li dejjem issir il-gustizzja minkejja d-diffikultajiet kollha li jkollha. Jekk il-kontro ezami ma jservi ghal xejn specjalment quddiem Imhallef jew quddiem il-Magistrat togat allura hija biss cerimonja u xejn aktar[14].*

Illi ghalhekk din il-Qorti, hija konvinta li l-verita' fil-fatt intqalet minnhom a tempo vergine fl-istqarrijiet lill-pulizija, liema stqarrijiet kienu konfermati quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

[13] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.
[14] Appell Nru: 258/2014

**KONKLUZZJONI**

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002 il-Qorti qalet li: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

Issa, fil-każ in eżami l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda dwar il-kredibilita` tax-xhieda prinċipali Jethro Camilleri u Steven Paul Durward. F'dan ir-rigward tfakkar, din il-Qorti, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

Din il-Qorti iggwidata b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali u minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz u l-provi prodotti tqis li l-imputata ghandha tinstab hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena</u>**

Illi din il-Qorti tqis li r-reat odjern li tieghu din il-Qorti qed issibha hatja, **<u>huwa wiehed serju hafna u li qed jirrovina s-socjeta' Maltija</u>** mhux lanqas f'Ghawdex, fejn hemm dawk li jikkordinaw il-qerda ta' tant persuni fejn jibaghtu r-*runners* taghhom fil-festi,

f'okkazjonijiet specjali bhal tigijiet u ricevimenti ohra u fejn jingemghu nies biex jiddevertu.

Il-flaġell tad-droga qed ikompli jinxtered f'forom u f'dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi fruntieri u b'hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti.

**Il-Qorti tappella lil media biex tifhem li stharrig dwar it-traffikar jiehu z-zmien, kultant xhur shah ta' sorveljanza u gbir ta' informazzjoni u ghalhekk meta jinghata taghrif dwar postijiet u metodi li qeghdin jintuzaw ma jkunx fl-interess pubbliku imma jkunu qeghdin jilghabu f'idejn it-traffikanti li bl-informazzjoni li tohrog jispiccaw imwissija li xi hadd qieghed jilhqilhom il-passi taghhom.**

**Il-Qorti hija preokkupata kif certu informazzjoni lill-media tista' tkun li ghaddiet minn persuni li d-dmir taghhom huwa li jipprevenu u jiehdu passi huma, mhux bit-tpacpic taghhom b'certu pika ma' kollegi taghhom li jaghtu l-hin kollu taghhom ghall-gid komuni, jisfrattaw stharrig li jkun ghaddej.**

**L-istharrig kontra l-akkuzi tad-droga jehtieg specjalizzazzjoni u ghalhekk ikun ghaqli li f'Ghawdex il-hidma tkun koordinata direttament minn min imexxi l-iskwadra kontra d-droga f'Malta b'tahlita ta' persuni stazzjonati f'Malta u Ghawdex li b'kordinazzjoni jwettqu l-hidma li hemm bzonn issir u fejn ikun**

**hemm bzonn ikun hemm *back up* minn sezzjonijiet ohra. Dan diga' sar f'okkazjonijiet varji fl-ahhar xhur u kien hemm ir-rizultat mixtieq.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u qed tikkundannaha ghal piena ta' **erba' (4) snin prigunerija** **effettiva** u **multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500)** b'dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, il-multa tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta, liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' elf mitejn u sitta u sittin ewro u hmistax-il centezmu (**€1266.15**)[15] u ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti li

[15] €512.17 – Spizjar Mario Mifsud, €341.69 – Dr. Mario Scerri M.D., €272.53 – Dr. Bridget Ellul M.D. u €139.76 – Dr. Michael Refalo MD.

ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**